# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**AĠENT PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 29 ta' April, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors maħluf numru 613/2014/2 MH**

**Calcedonia Pace**
***v*.**
**Patrick Pace**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula mill-konvenut biex jinstema' mill-ġdid appell maqtugħ b'sentenza ta' din il-qorti tat-13 ta' Lulju 2020, wara li titħassar dik is-sentenza għax igħid illi s-sentenza inkisbet bil-qerq tal-parti l-oħra kontra tiegħu u għax wara li ngħatat is-sentenza nstab dokument deċiżiv li ma setax iġibu qabel is-sentenza (art. 811 para. (*a*) u (*k*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attriċi tgħid illi kienet imġiegħla mill-konvenut bi "vjolenza u pressjoni morali" tagħti l-kunsens tagħha għal diversi kuntratti u prokura favur tiegħu. Għalhekk fetħet din il-kawża biex titlob illi l-qorti tgħid illi l-kunsens tagħha kien vizzjat u tħassar il-kontratti u l-prokura. Talbet ukoll illi l-konvenut jagħtiha aċċess ħieles għal immobbli proprjetà tagħha. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza tal-10 ta' Ġunju 2019 laqgħet it-talbiet tal-attriċi dwar il-prokura u wħud mill-kuntratti u biex il-konvenut jagħtiha aċċess għall-immobbli.

3. Il-konvenut appella iżda din il-qorti, b'sentenza tat-13 ta' Lulju 2020 [is-sentenza attakkata] ċaħdet l-appell u ikkonfermat is-sentenza appellata. B'rikors tad-9 ta' Ottubru 2020 il-konvenut talab illi din il-qorti tħassar is-sentenza attakkata u tisma' l-appell mill-ġdid. L-attriċi wieġbet fit-3 ta' Novembru 2020 biex tgħid illi t-talbiet tal-konvenut għandhom jiġu miċħuda.

4. Billi fit-tweġiba tagħha l-attriċi ressqet eċċezzjoni illi t-talba għat-tħassir tas-sentenza attakkata u s-smigħ mill-ġdid tal-appell saret wara li kien għadda ż-żmien mogħti għalhekk mil-liġi, il-qorti sejra tibda billi tqis din l-eċċezzjoni, li ġiet imfissra hekk:

> »Illi in linea preliminari jirriżulta illi t-talba għar-ritrattazzjoni ma saritx fi żmien 3 xhur kif irid l-artikolu 818(1)(*a*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
>
> »Illi ir-ritrattand stess fir-rikors ta' ritrattazzjoni tiegħu isejjes il-bażi tar-ritrattazzjoni tiegħu fuq fatti li seħħew waqt it-trattazzjoni orali tal-appell li seħħet fis-seduta tad-9 ta' Ġunju 2020, filwaqt li r-rikors għar-ritrattazzjoni tiegħu tressaq eżattament 4 xhur wara u *cioè* fid-9 ta' Ottubru 2020.
>
> »Illi anke kieku kien minnu dak li qiegħed jallega ir-ritrattand, allura f'dak l-istadju tat-trattazzjoni kien suppost ġà wasal għall-konklużjoni li skond hu r-ritrattata kienet qed tqarraq. B'hekk *se mai* l-iktar żmien tard li setgħet tinġieb din il-kawża kien id-9 ta' Settembru 2020.

> »Illi għalhekk, tenut kont ta' dawn il-fatturi biss, din l-onorabbli qorti għandha tiddikjara li r-rikors għat-tħassir tas-sentenza tressaq tard-ivament u għalhekk għandha tiddeklina milli tkompli tisma' l-istess.«

5. Dwar iż-żmien li fih tista' ssir it-talba għar-ritrattazzjoni l-art. 818 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk:

> »818. (1) Iż-żmien li fih tista' ssir it-talba għar-ritrattazzjoni huwa ta' tliet xhur, u jibda jgħodd -
>
> > »(*a*) fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 811(*a*) u (*k*), mill-ġurnata li fiha jinkixef il-qerq, jew jinsab id-dokument;«

6. Il-każ tallum jintlaqat b'din id-disposizzjoni billi t-talba tal-konvenut saret taħt l-art. 811(*a*) u (*k*).

7. L-argument tal-attriċi hu illi jekk tassew seħħ il-qerq li fuqu l-konvenut isejjes it-talba taħt l-art 811(*a*) dan il-qerq inkixef fid-9 ta' Ġunju 2020. Fil-fatt il-konvenut jallega li l-qerq seħħ meta xi ħadd ħareġ xi dokumenti mill-proċess tal-kawża, u jfisser hekk il-mod kif sar jaf b'dan:

> »Illi fl-udjenza tad-9 ta' Ġunju 2019 [*recte*, 2020] dina l-onorabbli qorti informat lil partijiet illi:
>
> > »"Il-qorti tirrileva għall-informazzjoni tal-partijiet illi minn *fol.* 183 sa 203 huma neqsin mill-atti.
> >
> > »"L-avukati qed jimpenjaw irwieħhom biex fil-mori tad-differiment jagħmlu li jistgħu biex jirrikostruwixxu l-istess."
>
> »Illi d-dokumenti li (għal darb'oħra) sparixxew mill-atti kienu dokumenti importanti li saħansitra kellhom effett dirett fuq is-sentenza finali.«

8. Bla ma nidħlu għalissa fil-kwistjoni jekk l-għibien tad-dokumenti seħħx b'qerq jew le u b'qerq tal-attriċi, il-fatt inkixef fid-9 ta' Ġunju 2020 u għalhekk il-proċeduri tallum kellhom jinbdew sad-9 ta' Settembru 2020; fil-fatt inbdew fid-9 ta' Ottubru 2020.

9. Tassew, is-sentenza attakkata ngħatat fit-13 ta' Lulju 2020 u l-konvenut ma setax fetaħ il-proċeduri tallum biex titħassar is-sentenza attakkata qabel ma dik is-sentenza kienet ingħatat, li jfisser illi kieku s-sentenza attakkata ngħatat wara d-9 ta' Settembru 2020 il-konvenut qatt ma kien ikun jista' jagħmel talba taħt l-art. 811(*a*). Fil-każ tallum il-kwistjoni hija akkademika iżda tkompli turi illi, meta l-qerq ikun ġà nkixef qabel ma tingħata s-sentenza attakkata, ir-rimedju ta' ritrattazzjoni ma jingħatax, għax il-qerq tkun ġà taf bih il-qorti meta tagħti s-sentenza attakkata u tkun qisitu meta tat is-sentenza. Proċeduri ta' ritrattazzjoni ma humiex appell mis-sentenza attakkata.

10. Għalhekk it-talba taħt l-art. 811(*a*) ma tistax tintlaqa', mhux biss għax saret aktar min tliet xhur wara li nkixef il-qerq, iżda wkoll għax ma jingħatax ir-rimedju ta' ritrattazzjoni meta l-qerq ikun ġà nkixef meta tingħata s-sentenza attakkata.

11. Fadal li naraw għaddewx tliet xhur minn dakinhar li nkixef id-dokument deċiżiv għall-għanijiet tal-art. 811(*k*).

12. L-aggravju taħt l-art. 811(*k*) ġie mfisser hekk:

> »… … … l-artikolu 811 subinċiż (*k*) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi wkoll illi ritrattazzjoni tista' tiġi ordnata wkoll jekk, wara s-sentenza, ikun instab dokument deċiżiv, u li l-parti li ġġibu ma kinitx taf bih, inkella illi, bil-meżżi li tagħti l-liġi, ma setgħatx iġġibu, qabel dik is-sentenza.
>
> »Illi huwa evidenti li r-rikorrenti ma kellux is-setgħa bil-meżżi li tagħti l-liġi li jġib dawk id-dokumenti li ġew misruqa mill-atti u li sar jaf bin-nuqqas tagħhom xahar biss qabel l-għoti tas-sentenza finali.
>
> »Illi, *inoltre*, ir-rikorrenti kien fl-impossibilità li jkun jaf liema dokumenti ġew attwalment sfilzati illegalment mill-atti ta' dan il-każ.«

13. Jidher iżda li għadu sallum il-konvenut ma jafx x'kienu d-dokumenti nieqsa, tant li ma ippreżentahomx flimkien mar-rikors għar-ritrattazzjoni. Dan ifisser li d-dokument għadu ma nstabx u, konsegwentement, għadu ma huwiex magħruf huwiex "deċiżiv" jew le biex il-qorti tkun tista' tgħid jekk in-nuqqas tiegħu ivvizzjax is-sentenza attakkata.

14. Fi kliem ieħor, ladarba d-dokument għadu ma nstabx, it-talba għat-tħassir tas-sentenza hija intempestiva aktar milli tardiva, u f'dan l-istadju għalhekk it-talba ma tistax tinstema'. Dan ma jfissirx illi t-talba tiġi miċħuda għax għadu ma huwiex magħruf id-dokument, jekk u meta jinstab, ikunx deċiżiv; ifisser illi f'dan l-istadju l-attriċi għandha biss tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju ta' ritrattazzjoni bla ħsara għall-jedd tal-konvenut li jerġa' jressaq it-talba jekk u meta jkun il-waqt.

15. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba għat-tħassir tas-sentenza taħt l-art. 811(*a*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għax it-talba saret wara li għadda ż-żmien li tagħti l-liġi, u ma tqisx it-talba taħt l-art. 811(*k*) għax intempestiva.

16. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallashom il-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Anthony Ellul<br>Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm